**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` Jannar 2016**

**Kawza Nru. 15**
**Rik. Gur. Nru. 731/14 JZM**

**Lighthouse Communications Ltd (C-21425)**

***kontra***

**Camilleri Holdings Limited (C-27495)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat li kienipprezentat bil-procedura sommarja specjali fil-21 ta` Awwissu 2014 li jaqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` intimata hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta` erbatax-il elf sitt mija hamsa u hamsin euro u sittin centezmu (€14,655.60) rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` servizzi rezi lilha fuq ordnijiet taghha stess liema bilanc baqa` ma thallasx (ara fattura annessa u mmarkata bhala **Dok A**) ;*

*2. Illi nonostante illi s-socjeta` intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut minnha, inkluz fost ohrajn permezz tal-ittra bonarja tas-6 ta` Gunju 2014 (kopja annessa u mmarkata bhala **Dok B**), din baqghet inadempjenti ;*

*3. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` rikorrenti thoss li s-socjeta` intimata m`ghandhiex eccezzjonijiet x`taghti ghat-talbiet taghha.*

*Ghaldaqstant, in vista tar-ragunijiet premessi, is-socjeta` rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tghaddi biex taqta` u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta` l-artikoli 167 et seq tal-Kodici ta` l-Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*2. Tiddikjara illi s-socjeta` intimata hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta` erbatax-il elf sitt mija hamsa u hamsin euro u sittin centezmu (€14,655.60) rapprezentanti bilanc ta` servizzi rezi lilha fuq ordnijiet taghha stess liema bilanc baqa` ma thallasx.*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas dan l-ammont lis-socjeta` rikorrenti bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet dekoribbli mid-dati tal-fatturi relattivi (indikati fuq il-fattura annessa u mmarkata bhala Dok A) sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rata jew rati permessi mil-ligi.*

*Is-socjeta` intimata hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija attrici, il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2014 fejn, wara li kienet tal-fehma illi l-kumpannija konvenuta kellha eccezzjonijiet *prima facie* x`taghti kontra l-mertu tat-talbiet attrici, tat lill-kumpannija zmien ghoxrin jum sabiex tipprezenta risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fis-27 ta` Ottubru 2014 u taqra hekk :–

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*2. Illi l-konvenuti qatt ma ordnaw ebda servizzi li taghhom l-atturi qed jippretendu hlas.*

*3. Illi kien ghad ma giex konkluz kuntratt fuq servizzi li dwarhom l-atturi qed jippretendu hlas. Il-konvenuti talbu biss prezentazzjoni (bhal ma talbu minn diversi ditti ohra), sabiex ikunu f`qaghda li jaghzlu l-aqwa fost l-agenziji ta` reklamar. Il-konvenuti kienu qed jaghmlu process ta` ghazla ta` agenti ta` marketing. Huma talbu prezentazzjonijiet minn diversi agenziji fosthom l-atturi.*

*4. Illi fil-fatt qatt ma gie iffirmat ebda kuntratt u ma hemm ebda mandat sabiex l-atturi jahdmu u ma hemm ebda ftehim dwar xoghol u prezzijiet.*

*5. Illi kieku l-atturi minn qabel qalu lill-konvenuti li kienu ser johorgu kont ghall-preparazzjoni tal-prezentazzjoni, il-konvenuti kienu lanqas biss jitkellmu maghhom.*

*6. Illi intant minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra il-kont hu ezagerat u inkredibbli – bizzejjed wiehed jara l-items – ta` tletin (30) siegha “brain storming” bis-Eur 70.00 is-siegha, u disghin (90) siegha “creative concepts” bit-Eur 80.00 is-siegha, kif ukoll Eur 500.00 – ghal*

*"administration costs". Dawn l-ispejjez saru bla mandat u huma palezament ezagerati.*

*7. Illi dawn ic-cifri u dawn ir-rati qatt ma kien hemm qbil jew ftehim fuqhom.*

*8. Illi intant il-konvenuti talbu lill-atturi jaghmlu xi xoghol. Imma ghal xi xogholijiet li l-atturi kienu fil-fatt tqabbdu biex jahdmu huma gew imhallsa in toto. Intant jekk il-konvenuti talbu prezentazzjoni ulterjuri fuq proposti ohra li kellhom l-atturi, ta` dawn, l-atturi ma ghandhomx dritt li jithallsu.*

*9. Illi meta l-konvenuti qalulhom li ma kinux interessati fis-servizzi l-ohra ghax ma sabuhomx tajbin bizzejjed ghall-bzonnijiet u x-xewqat taghhom, l-atturi hargu il-kont in ezami ghall-ebda servizz imma bissa ghall-preparazzjoni tal-prezentazzjoni li saret – haga li saret ukoll minn ditti ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Roderick Muscat Monsigneur, kif ukoll id-dokumenti li kienu prezentati mal-att.

Semghet ix-xiehda ta` Maria Farrugia Zammit fl-udjenza tas-26 ta` Frar 2015.

Semghet ix-xiehda ta` Christos Barberis fl-udjenza tat-28 ta` April 2015.

Semghet ix-xiehda ta` Anthony Camilleri fl-udjenza tal-4 ta` Gunju 2015.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Christos Barberis fl-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2015.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta` Novembru 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Sintesi tal-provi

**Roderick Muscat Monsigneur** – Direttur Manigerjali tas-socjeta` attrici – xehed illi l-kumpannija attrici tipprovdi servizzi ta` *communication consultancy* u *digital marketing*. Fil-bidu tal-2013, is-socjeta` konvenuta talbet s-servizzi taghhom sabiex, fost affarijiet ohra, ilestu numru ta` *marketing campaigns*. Iltaqghu u huma ghamlu presentazzjoni tax-xogholijiet u ghaddewlhom ir-rati proposti ghas-servizzi taghhom. Fit-12 ta` Frar 2013, is-socjeta` attrici nghatat il-kunsens mis-socjeta` konvenuta sabiex tahdem b`sistema ta` *retainer*, inizjalment ghal tlett xhur, li pero` setghu jiggeddu. Huma bdew bix-xoghol taghhom u wara diversi gimghat ta` hidma intensiva lestew numru konsiderevoli ta` *marketing campaigns*. Fis-17 ta` April 2013, is-socjeta` konvenuta nfurmathom illi ma rieditx tkompli b`dan l-arrangament u talbithom *invoice* ghax-xoghol li kien sar sa dakinhar. Ghalhekk fit-30 ta` April 2013, harget il-fattura numru 7816 – Dok A.

Kompla jixhed illi wara xahar is-socjeta` konvenuta avzathom li l-ammont mitlub kien esorbitanti u li kienu hargu kont ghal servizzi mhux rikjesti u ghalhekk talbuhom johorgu *credit note*. Is-socjeta` attrici rrifjutat li tibdel l-invoice ghaliex kif spjegaw lis-socjeta` konvenuta permezz ta` email u anke permezz ta` diskussjonijiet, l-ammont pretiz kien ibbazat fuq prezzijiet ikkwotati u fuq prezzijiet tas-suq. Jichad li s-socjeta` attrici tat servizzi mhux rikjesti jew li kkwotaw ammonti "*esagerati u inkredibbli*". Ix-xhud jikkontesta l-veracita` ta` l-asserzjoni tas-socjeta` konvenuta illi l-massimu li seta` jintalab kien ta` € 2,618 u cioe` l-ammont ikkwotat bhala "*total without retainer : € 2,618/month*" ghaliex il-kwantita` ta` xoghol li ghamlet is-socjeta` attrici kien ferm izjed minn dak li kien ragjonevolment mistenni li jsir f`xahar wiehed.

Ikkontesta wkoll bhala mhux mis-sewwa illi s-servizzi taghhom ma kienux ta` kwalita`. Fil-fatt sar ix-xoghol rikjest, u kien gie mghoddi lill-klijenti.

**<u>Maria Farrugia Zammit</u>** kienet *commercial director* tas-socjeta` attrici sa Novembru 2013. Tixhed illi diversi kienu l-laqghat bejn iz-zewg socjetajiet. Tirreferi ghall-email li baghtet is-socjeta` konvenuta fejn qalulhom li xtaqu jahdmu maghhom. In-nies li ghamlu kuntatt mas-socjeta` konvenuta kienu Andrew Attard u Justin Bartolo ; min-naha tas-socjeta` konvenuta kien hemm Gail Fenech. Wara din l-email, is-socjeta` attrici bdiet ix-xoghol fuq Mothercare, BHS, Camilleri *tal-helu* u Camilleri Catering. Tikkonferma l-emails esebiti a fol 23 et seq. Tkompli li s-socjeta` konvenuta kienet iddecidiet li tmur ghal *service agreement* li kien jinvolvi rata ta` hlas mensili. F`dan il-kaz il-ftehim kien ghal tlett xhur. Ghalhekk kienu applikati rati normali. Qatt ma kien iffirmat kuntratt ta` *retainer* ; lanqas ma kien iffirmat xi dokument iehor. Mistoqsija mill-qorti jekk ir-rati li gew applikati kienux msemmija fl-email, ix-xhud wiegbet illi hemm ma ssemmewx rati. Tghid illi dawk esebiti a fol 21 bhala Dok RMM1 huma rati li juru kull bicca xoghol kemm tigi tiswa` fl-ambitu ta` retainer. Tinsisti li meta ma jigix ffirmat kuntratt li ghandu *retainer*, japplikaw ir-rati normali tas-suq.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, ix-xhud ikkonfermat li r-*retainer* kellu jkun ta` € 1950 fix-xahar. Tghid illi fl-email taghha s-socjeta` konvenuta accettat r-*retainer* fuq bazi ta` tlett xhur. Wara li jghaddi dan iz-zmien kellhom jaraw. Mistoqsija jekk kienux nfurmaw lis-socjeta` konvneuta li ghal *brain storming sessions* ir-rati kienu ta` €80 fis-siegha, ix-xhud wiegbet illi kieku s-socjeta` konvenuta kienet b`*retainer* ir-rati ma kienux ikunu dawk. Mistoqsija jekk kenitx taf is-socjeta` attrici li s-socjeta` konvenuta kienet qeghda tistharreg fis-suq lil min tinkarika u allura mhux biss lis-socjeta` attrici, ix-xhud wiegbet illi dan ma kenitx tafu. Tikkonferma li s-socjeta` konvenuta lmentat mix-xoghol li ghamlet is-socjeta` attrici.

**<u>Christos Barberis</u>** - Chief Operating Officer tas-socjeta` konvenuta – xehed illi huwa beda jahdem mas-socjeta` konvenuta fix-xahar ta` Jannar 2013. Mas-socjeta` attrici u ma` socjeta` ohra jisimha Active, saru laqghat intizi sabiex dawn jaghtu l-proposti taghhom dwar il-marketing tas-socjeta` attrici wara li kien imfisser lilhom l-operat tas-socjeta` attrici. Ighid illi s-socjeta` attrici ma pprovdietx servizzi lis-socjeta` konvenuta izda ghamlet biss suggerimenti. Isostni li s-socjeta` attrici ma setghetx tibghat *invoice* sabiex tithallas ghall-proposti li ghamlet, sakemm ma tkunx qalet minn qabel li ghalkemm kienet sejra taghmel proposti kienet qeghda tippretendi

hlas ghal dak ix-xoghol. Dan kollu ma sarx mis-socjeta` attrici. Ighid illi s-socjeta` attrici ma qaltilhomx li kienet sejra titlobhom il-hlas ghall-process ta` qabel. Ighid illi s-socjeta` konvenuta kienet lesta thallas ghax-xoghol li sar u li kien intuza. Ikompli jispjega izda li huma ma kienux kuntenti bil-fatt li s-socjeta` attrici bidlet il-*logo* ta` Mothercare b`mod li ma gewx konformi mal-*franchise agreement*. Lanqas ma kienu kuntenti bil-proposta bil-*branding* tal-hanut tal-helu ; infatti s-socjeta` attrici fasslet il-proposta taghha fuq l-iswed mentri abbazi tal-esperjenza tieghu, l-iswed m`ghandu jintuza qatt fi proposta li tirrigwarda hanut tal-helu. Inoltre maghhom qatt ma ssemmew rati ta` hlas ghal *brain storming*.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud ikkonferma l-emails esebiti. Jeskludi li kien hemm xi ftehim mas-socjeta` attrici li din tithallas ghal *pitching* jigifieri ghal proposti li taghmel lis-socjeta` konvenuta. Jaccetta li l-hlas li ntalab mis-socjeta` konvenuta ma kienx ghal *pitching*. Meta s-socjeta` attrici ghamlet kuntatt maghhom sabiex jipproponu l-provvista ta` servizz, is-socjeta` konvenuta kienet qeghda tevalwa l-proposta tant li kellha laqghat mal-parti l-ohra sabiex tevalwa l-prodotti u servizzi tas-socjeta` attrici. Dan kollu sar fl-ambitu ta` *pitching*.

Ix-xhud jinsisti li kull ma s-socjeta` attrici qeghda titlob fil-kawza tal-lum huma kollha servizzi li nghataw fl-istadju ta` *pitching* u ghalhekk is-socjeta` attrici m`ghandhiex jedd ghal hlas.

Ikkonferma l-kontenut tal-email illi tghid : *"Camilleri Holding would like to commit to a three month contract …"* Ghalih dak ifisser li kien hemm biss l-intenzjoni li jsir ftehim. Fis-socjeta` konvenuta huma biss id-diretturi illi jistghu jikkommettu ruhhom ghal ftehim. Mistoqsi dwar dak li hemm fl-email sabiex tintbaghat *invoice* ghal xoghol li kien sar, ix-xhud stqarr illi r-riferenza hija ghal xoghol iehor li kienet qeghda taghmel ghalihom is-socjeta` attrici ghall-promozzjoni fuq r-radju. Isostni li s-socjeta` attrici thallset ghal dak ix-xoghol.

**Anthony Camilleri** – direttur tas-socjeta` konvenuta – ikkonferma d-deposizzjoni ta` Christos Barberis.

## III. Sottomissjonijiet fil-qosor

**1) <u>Is-socjeta` attrici</u>**

Is-socjeta` attrici taccetta li meta jkun hemm *pitching* l-uzu tal-kummerc jiddetta li dan isir minghajr hlas. Fl-istess waqt tissottometti li t-talba taghha fil-kawza tal-lum mhijiex talba ghal hlas ta` *pitching.* Taghmel riferenza ghax-xiehda li tat Maria Farrugia Zammit, li kkonfermat li s-socjeta` konvenuta kienet accettat il-proposta taghha permezz ta` email datata 12 ta` Frar 2013. Dik ix-xhud tghid illi kien sar hafna xoghol li solitament ma jkunx parti minn *retainer agreement.* Fejn is-socjeta` attrici ma taqbilx ma` dak li stqarret dik ix-xhud huwa meta tghid li billi ma kienx iffirmat ftehim bil-miktub, allura kellu japplika *non retainer agreement.*

Is-socjeta` attrici tissottometti li bejn il-partijiet kien konkluz kuntratt ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, ghaliex kien hemm qbil dwar is-servizzi li kienet sejra taghti s-socjeta` attrici. Dwar il-forma, tghid illi ma kienx hemm htiega *ad validitatem* li l-ftehim ikun bil-miktub. Li kien mehtieg fis-sostanza huwa li dak li jircievi offerta jaccettaha, u javza lill-parti l-ohra bl-accettazzjoni tieghu. Huwa f`dak il-mument li jigi ssigillat il-ftehim. Taghmel riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tat-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**<u>L-Accountant General vs Carmelo Penza noe</u>**" deciza fit-28 ta` Marzu 2003. Fil-kaz tal-lum irrizulta li s-socjeta` attrici ghamlet offerta li kienet accettata u kkonfermata bil-miktub.

**2) <u>Is-socjeta` konvenuta</u>**

Is-socjeta` konvenuta tikkontendi li dak li sar mas-socjeta` attrici kien *pitching.* Ma kien hemm l-ebda ntiza mas-socjeta` attrici fis-sens li hija kienet ser thallas ghal *pitching.* Daqstant iehor mhuwiex accettabbli li kellha thallas ghal dak li kien *brainstorming* u xejn aktar. Bosta mill-hwejjeg indikati fil-fattura kienu parti minn process ta` *pitching.* Is-socjeta` attrici qeghda tippretendi li tithallas anke ta` laqghat li kellha mal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` konvenuta.

Tinsisti li qatt ma kien iffirmat kuntratt bejn il-partijiet b`riferenza ghax-xiehda ta` Maria Farrugia Zammit. Il-fattura Dok A m`ghandha xejn x`taqsam mar-rati li gew proposti fid-Dok RMM1. F`dan l-ahhar dokument il-*monthly rate with a retainer* kienet ta` €1,950 waqt li *monthly rate without a retainer* kienet ta` €2,618. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta tikkontendi li dak li tnizzel fil-fattura Dok A kien fir-realta` xoghol waqt il-process ta` *pitching.*

Is-socjeta` konvenuta tikkontendi li ma setax ikun hemm kuntratt ghaliex ma gewx miftehma t-termini u l-kondizzjonijiet necessarji biex ikun hemm ftehim bejn il-partijiet. Biex ikun hemm kunsens irid ikun hemm il-volonta` soggettiva taz-zewg partijiet li tkun diretta ghal istess oggett. Issir riferenza ghas-sentenza tat-18 ta` Lulju 2014 li tat il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Salvu Spiteri et vs Grazia sive` Cetta Grima et**" fejn il-Qorti qalet illi sabiex issehh konvenzjoni irid ikun hemm l-volonta` taz-zewg partijiet ; minghajr l-*idem placitum consensus* ma jistax ikun hemm rabta li minnha jitnisslu drittijiet u obbligi. Skont is-socjeta` konvenuta huwa car li fil-kaz tal-lum ma kienx hemm ftehim. Tirreferi ghal email tat-12 ta` Frar 2013, fejn jinghad "*Kindly revert with your feedback and advice how to proceed.*" Skond is-socjeta` konvenuta dak juri li xejn ma kien konkluz. Tirreferi wkoll ghall-Art 112 tal-Kap 13.

## IV. Risultanzi

Jirrizulta li kien hemm serje ta` laqghat bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta bil-ghan sabiex tal-ewwel tfisser u turi lit-tieni x`servizzi kienet tirrijkedi. Skond ix-xiehda ta` Roderick Muscat Monsigneur, fil-kors ta` laqgha minnhom, is-socjeta` attrici ghaddiet lill-parti l-ohra r-rati taghha skond Dok RMM1.

In segwitu, inbaghtet email mis-socjeta` konvenuta datata 12 ta` Frar 2013 lis-socjeta` attrici fejn qalet hekk :–

*" … They would like to commit to a 3 month contract* ***(at the presented monthly rates)*** *which will be renewable for the remainder of the year. Since we never worked with you in the past and it is a first for us to embark on such an agreement, they would like to proceed in this manner.*

…

***Kindly revert back to me with your feedback*** *and please advise how to proceed."*

Abbazi ta` din l-email, jirrizulta :-

i) Illi bil-fatt li s-socjeta` konvenuta kienet qed tikkommetti ruhha ghal perijodu ta` tlett xhur biss ghal bidu, kien sabiex hija tara x-xoghol li setghet taghmel is-socjeta` attrici sabiex jekk wara dawk t-tlett xhur tkun sodisfatta, allura jsir kuntratt formali.

ii) Illi skont din l-email qed jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet qeghda taccetta r-rati mensili li kienu pprezentati lilha u cioe` skond Dok RMM1 jigifieri "*total without retainer*" - €2,618 fix-xahar.

iii) Illi s-socjeta` konvenuta talbet risposta ghall-email taghha fuq riferita. Ma jidhirx li kien hemm *feedback* mis-socjeta` attrici. Fil-fatt ma kienet esebita l-ebda email jew komunikazzjoni bil-miktub mis-socjeta` attrici li tghid kif kienet sejra tipprocedi minn hemm.

Bhala fatt ma jidhirx li kien iffirmat kuntratt formali. Jidher pero` illi ghalkemm is-socjeta` attrici ma kenitx infurmat lis-socjeta` konvenuta kif kienet se tipprocedi kif fuq inghad, hija xorta wahda bdiet tahdem sabiex toffri s-servizzi taghha, u dan baqa` sejjer sakemm dawn kienu mitmuma bl-email tas-17 ta` April 2013 (Dok. RMM2).

Dan premess, is-socjeta` konvenuta teccepixxi li l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici kien wiehed esagerat tenut kont li ppretendiet il-hlas ghal 30 siegha ta` *brainstorming* bir-rata ta` €70 fis-siegha, u ghal 90 siegha *creative concepts* bir-rata ta` €80 fis-siegha.

Fil-proposta li ghamlet is-socjeta` attrici skont Dok RMM1, *creative concepts* huwa ndikat u ghalhekk kien gie kkalkolat fil-proposta li kienet saret lis-socjeta` konvenuta, izda r-rati ta` *brainstorming* ma gewx indikati. Dan apparti ma kienx hemm prova ta` x`kien jikkonsisti l-*brainstorming*.

Dwar il-*pitching*. L-assjem tal-provi juri li kien hemm *pitching* u ghal dan ma kienx rikjest hlas. Infatti l-fattura in kwistjoni mhijiex tirreferi ghal xoghol li sar waqt il-*pitching*. Min-naha l-ohra s-socjeta` konvenuta tikkontendi li numru ta` hwejjeg li hemm elenkati fil-fattura jirreferu propju ghall-*pitching* :–

i) *on location photography ;*
ii) *radio production ;*
iii) *media plans ;*
iv) *internal brain storming ;*

v) *creative concepts ;*
vi) *presentations ;*
vii) *administration costs.*

Huwa probabbli li l-*brain storming*, *creative concepts* u *presentations* jikkostitwixxu xoghol li s-socjeta` attrici ghamlet meta kienu ghadhom ghaddejin d-diskussjonijiet u ghalhekk qabel it-12 ta` Frar 2013.

Il-fulkru ta` kollox hija l-email tat-12 ta Frar 2013.

L-**Art 112 tal-Kap 13** ighid illi :–

*Aċċettazzjoni mdewma jew suġġetta għal kondizzjonijiet, żieda, restrizzjonijiet jew tibdil titqies li hija u tgħodd bħala rifjut tal-proposta oriġinali u bħala proposta ġdida.*

Din il-Qorti hija tal-fehma li bl-email li baghtet is-socjeta` konvenuta kien hemm accettazzjoni fis-sens illi riedet tikkonkludi ftehim mas-socjeta` attrici ghal tlett xhur fuq r-rati li kienu proposti u nseriti fid-Dok RMM1 – "*They would like to commit to a 3 month contract (at the presented monthly rates)*".

Dan huwa kkonfermat mix-xiehda ta` Maria Farrugia Zammit li qalet li s-socjeta` konvenuta kienet iddecidiet li tmur ghal *service agreement* b`rata mensili, ghalkemm ma ftakritx kemm kienet din ir-rata. Billi l-ftehim kien ghal tlett xhur, ma kienx involut *retainer* ghaliex dak huwa maqsum fuq tnax-il xahar ; kwindi kienu applikati r-rati normali.

Ir-rata mensili applikabbli kienet ta` €2,618 fix-xahar.

Il-Qorti tqis illi s-socjeta` konvenuta kellha obbligu ta` hlas ghal servizzi versu s-socjeta` attrici ghaz-zmien ta` bejn it-12 ta` Frar 2013 (data tal-email) u s-17 ta` April 2013 (data tat-tmiem tas-servizzi). Is-servizzi jinkludu whud li qabel it-12 ta` Frar 2013 kienu meqjusa bhala *pitching.* Il-ftehim dam ghal xahrejn u hamest ijiem ; kwindi s-socjeta` attrici ghandha jedd tircievi hlas ta` **€5,672** u cioe` : €2,618 x 2 + €87.27 x 5.

Decide

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-

Tilqa` s-sitt eccezzjoni limitatament u safejn din tghid illi l-kont tas-socjeta` attrici kien esagerat.

Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra.

Tilqa` t-tieni talba parzjalment billi tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` hamest elef sitt mija tnejn u sebghin Ewro (€5,672).

Tilqa` t-tielet talba parzjalment billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` hamest elef sitt mija tnejn u sebghin Ewro (€5,672) bl-imghax legali b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza jithallsu in kwantu ghal sitt fil-mija (60%) mis-socjeta` attrici u in kwantu ghal erbghin fil-mija (40%) mis-socjeta` konvenuta.

Onor. Joseph Zammit McKeon
Imhallef

Amanda Cassar
Deputat Registratur